**Minn triq oħra**

Hekk qalilna fil-vanġelu
L-evanġelista San Mattew,
Uriena kif dal-qalbiena
Ħabbew 'l Kristu, baqgħu fis-sew.

Imwissijjin permezz tal-ħolm
Tbegħdu mill-ħajjen Erodi,
Minflok imxew fit-triq t'Alla
Il-kewkba għamlithom sodi.

Hawnhekk naraw kemm dawn kienu
Nies umli u bil-wisq għorrief,
Għarfu jħallu lilhom 'nfushom
Jitmexxew mill-wisq għaref riħ.

Mhux li kien l'aħna bħall-Maġi
F'din ħajjitna nikkupjawhom,
Hekk ikollna bosta paċi
Li isseħibna tassew magħhom.

Għax li nimxu wara Kristu
Hija l-isbaħ u l-aqwa triq,
Hi tgħinna ħa nħobbu lilu
Fl-aqwa daħka, anki fl-ilfiq.

It-triq tiegħu dejjem tajba
L-għaliex tieħu għand il-Missier,
Li fi Kristu kemm jilqagħna
Lilna jtina tgħanniq sinċier.

Mela qatt tibża' minn dellek
Imxi b'qawwa wara l-kewkba,
Li hi Kristu, kemm iħobbok
Iwasslek tagħmel it-tewba.

U tinsiex li l-akbar tewba
Għalkemm tintiehem ftit morra,
Hi dik li titlaq tritqek t'issa
U bħal Maġi taqbad oħra.

Patri Mario Attard OFM Cap
11 ta' Jannar 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.